

# Żjieda għall-Proprju tal-Qaddisin

**L-Aħħar Ħaqq** (dettal)
Michelangelo Buonarroti (1475-1564)
1537-41
Kappella Sistina, Vatikan
Affresk, 1370 x 1220 cm



25 ta' Frar

# Beata Adeodata Pisani

*Reliġjuża*

**Tifkira**

Mill-komun tar-Verġni

Kolletta **Nitolbu.**
**O Alla, Sultan tas-sema u l-art,**
**agħti lilna li qed nagħtu ġieħ lill-Beata Marija Adeodata,**
**il-grazzja li niżirgħu, inrawwmu**
**u naqtgħu fjuri ta' virtujiet insara,**
**biex noffruhomlok bħala rigal,**
**sakemm naslu biex nidħlu fil-ġnien ta' dejjem.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**



23 ta’ April

# San Adalbertu

*Isqof u Martri*

**Tifkira**

Mill-komun tar-Rgħajja ta’ l-Erwieħ.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla,**
**int żejjint bil-kuruna tal-martirju**
**lill-Isqof San Adalbertu, kollu ħeġġa għall-erwieħ:**
**agħmel li, għat-talb tiegħu,**
**la tonqos l-ubbidjenza tal-merħla lir-rgħajja,**
**u lanqas il-ħerqa tar-rgħajja għall-merħla.**
**B’Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma’ l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta’ dejjem.**



28 ta' April

# San Alwiġ Marija Grignon de Montfort

*Presbiteru*

**Tifkira**

Mill-komun tar-Rgħajja ta' l-Erwieħ.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla, ta' għerf bla tmiem,**
**Int għamilt lis-Saċerdot San Alwiġ Marija**
**xhud mill-aqwa u mgħallem**
**ta' konsagrazzjoni sħiħa lil Kristu Ibnek,**
**permezz ta' l-Imqaddsa Ommu Marija:**
**agħtina li ngħixu l-istess ħajja spiritwali tiegħu**
**biex jistħoqqilna nwasslu dejjem aktar**
**is-Saltna tiegħek fid-dinja.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**



9 ta' Mejju

# San Ġorġ Preca

*Presbiteru*

**Tifkira (O)**

Antifona tad-Dħul Ġer 3,15

Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem, ta' min iħabbar ir-riżq, ta' min ixandar is-salvazzjoni, u jgħid lil Sijon: Alla tiegħek isaltan!

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla,**
**int sejjaħt lill-Qassis tiegħek San Ġorġ Preca**
**għall-ministeru ta' l-evanġelizzazzjoni,**
**agħtina nitolbuk, li mħeġġin bit-tagħlim tiegħu,**
**aħna wkoll inħabirku bla heda għas-saħħa tad-dinja**
**u biex jitkattar il-għadd ta' dawk li jemmnu.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Fuq l-Offerti

**Noffrulek Missier il-ħobż u l-inbid,**
**biex, bil-qawwa ta' l-Ispirtu Qaddis tiegħek**
**tbiddilhom fil-Ġisem u d-Demm**
**tal-Verb tiegħek magħmul bniedem,**
**li lilu San Ġorġ Preca offra u ta' kull nifs ta' ħajtu,**
**u ħabb u ħabbar bħala l-għaxqa ta' qalbu.**
**Bi Kristu Sidna.**

## Prefazju

**Sewwa u xieraq tassew, Mulej,
Missier qaddis, Alla ta' dejjem li tista' kollox,
tajjeb u ta' ġid għas-salvazzjoni tagħna,
li dejjem u kullimkien inroddulek ħajr.**

**Int qatt ma titlaq lill-poplu qaddis tiegħek
u fil-ħniena tiegħek bla qjies,
tibgħatlu profeti u rgħajja,
li b'ħeġġa u b'umiltà ifakkruh fis-sejħa li għandu
li jkun ġens maħtur, saċerdozju rjali,
nazzjon qaddis u poplu miksub għalik.**

**Imnebbaħ minnek, il-Qassis tiegħek Ġorġ Preca
xorob sew mill-għajn safja ta' l-Evanġelju,
u, mqanqal mill-kelma ta' Pawlu, l-Appostlu Missierna,
għadda t-tagħlim tal-fidwa lil nies ta' fiduċja,
biex huma, b'ħila, jgħallmuh ukoll lill-oħrajn
għall-ikbar ġid tal-Knisja,
u għall-glorja tal-Verb tiegħek magħmul bniedem,
Ġesù Kristu Sidna.**

**Bih il-qtajja' kollha ta' l-Anġli
ferħana għal dejjem quddiemek
iqimu l-kobor tiegħek.
Flimkien ma' tagħhom
ilqa' nitolbuk it-tifħir tagħna,
waqt li magħhom nifirħu u ntennulek:**

Antifona tat-Tqarbin — Ġw 17,3

Din hija l-ħajja ta' dejjem: li jagħrfu lilek Alla waħdek veru u lil Ġesù Kristu li inti bgħatt.

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.
Issa li tqarbinna Missier bil-Ġisem u bid-Demm
ta' Ibnek, l-Imgħallem Divin tagħna,
agħtina nitolbuk, li fuq l-eżempju ta' San Ġorġ Preca,
infittxuk b'qalb safja
u nħobbu lil ħutna fl-umiltà u l-manswetudni.
Bi Kristu Sidna.**



26 ta’ Ġunju

# San Josè Maria Escrivà De Balaguer

*Presbiteru*

**Tifkira**

Antifona tad-Dħul Ġer 3,15

Nagħtikom rgħajja għal qalbi, li jirgħu bil-għerf u l-għaqal.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla, int għażilt fil-Knisja tiegħek**
**lis-saċerdot San Josè Maria,**
**biex ixandar is-sejħa universali**
**għall-qdusija u għall-appostolat:**
**agħti lilna wkoll,**
**bl-interċessjoni u bl-eżempju tiegħu,**
**li nsiru ħaġa waħda ma’ Ibnek Ġesù**
**permezz tax-xogħol ta’ kuljum**
**u li naqdu b’imħabba mħeġġa l-pjan tal-fidwa.**
**B’Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma’ l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta’ dejjem.**

Fuq l-Offerti

**Missier Qaddis,**
**ilqa’ l-offerti li qed nippreżentawlek**
**fit-tifkira ta’ San Josè Maria**
**u, permezz tas-sagrifiċċju**
**li offra Kristu fuq l-altar tas-salib,**
**preżenti f’dan is-sagrament,**
**qaddes il-ħidma tagħna.**
**Bi Kristu Sidna.**

Antifona tat-Tqarbin Mt 20,28

Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra.

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.**
**O Alla, Missier tagħna,**
**is-sagramenti li rċevejna**
**fit-tifkira ta' San Josè Maria,**
**isaħħu fina l-ispirtu ta' l-adozzjoni ta' wlied,**
**billi magħqudin b'fedeltà mar-rieda tiegħek,**
**nimxu bil-ferħ fit-triq tal-qdusija.**
**Bi Kristu Sidna.**



1 ta' Lulju

# Beatu Nazju Falzon

*Kjeriku Sekulari*

**Tifkira (O)**

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla ta' dejjem li tista' kollox,**
**inti tajtna lill-Beatu Nazju**
**bħala katekist ħabrieki fil-Knisja tiegħek:**
**agħmel li bil-għajnuna tat-talb tiegħu għalina,**
**aħna dejjem nitħeġġu fit-tagħlim nisrani**
**biex insiru nafuk dejjem aktar**
**u nikbru fl-imħabba tiegħek.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Fuq l-Offerti

**Ilqa', Mulej, din l-offerta**
**li l-poplu qaddis tiegħek qiegħed jagħmillek**
**fit-tifkira tal-Beatu Nazju,**
**u agħmel li, bis-saħħa ta' dan il-misteru,**
**li fih qegħdin nieħdu sehem,**
**nagħtu eżempju ta' l-imħabba tiegħek.**
**Bi Kristu Sidna.**

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.**
**O Alla li tista' kollox, agħtina l-għajnuna**
**permezz ta' din it-tqarbina mqaddsa li għamilna,**
**biex fuq l-eżempji tal-Beatu Nazju,**
**bil-qalb u bl-għemil nagħtu xhieda**
**ta' l-imħabba ta' l-aħwa u tad-dawl tal-verità.**
**Bi Kristu Sidna.**



23 ta' Lulju

# Santa Briġida ta' l-Iżvezja

*Reliġjuża*

**Festa**

Antifona tad-Dħul

Nifirħu lkoll fil-Mulej, aħna u niċċelebraw il-festa ta' Santa Briġida: b'din il-festa tagħha jifirħu l-anġli u jfaħħru lill-Iben ta' Alla.

*Tingħad il-Glorja 'l Alla.*

Kolletta

**Nitolbu.**
**Mulej, Inti mexxejt lil Santa Briġida**
**mill-ħafna mogħdijiet tal-ħajja u,**
**b'mod ta' l-għaġeb,**
**bil-kontemplazzjoni tal-Passjoni ta' Ibnek,**
**għallimtha l-għerf tas-Salib:**
**agħtina li, tkun xi tkun il-ħajja li ngħixu,**
**inkunu nistgħu dejjem infittxuk.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Fuq l-Offerti

**O Alla, f'Santa Briġida,**
**Inti għoġbok teqred il-bniedem il-qadim**
**u toħloq il-bniedem il-ġdid skond qalbek:**
**fit-tjieba tiegħek, agħtina li aħna wkoll niġġeddu**
**ħa noffrulek sagrifiċċju ta' tpattija,**
**li jkun tassew jogħġob lilek.**
**Bi Kristu Sidna.**

Antifona tat-Tqarbin Salm 44

Inti tħobb il-ġustizzja u tobgħod il-ħażen, għalhekk dilkek Alla, Alla tiegħek, b'żejt il-hena aktar minn sħabek.

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.**
**O Alla ta' dejjem li tista' kollox,**
**wettaqna bil-qawwa ta' dan is-Sagrament**
**biex, bl-eżempju ta' Santa Briġida,**
**nitgħallmu nfittxu lilek dejjem u fuq kollox,**
**ħalli minn din id-dinja stess,**
**nilbsu s-sura tal-bniedem il-ġdid.**
**Bi Kristu Sidna.**



2 ta' Awwissu

# San Pietru Ġiljan Eymard

*Presbiteru*

**Tifkira**

Mill-komun tar-Rgħajja ta' l-Erwieħ.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla, int żejjint lil San Pietru Ġiljan Eymard**
**b'imħabba tal-għaġeb**
**għall-misteri qaddisa tal-Ġisem u d-Demm ta' Ibnek:**
**fit-tjieba tiegħek agħtina,**
**li jkun jistħoqqilna niksbu dik il-qawwa u s-saħħa**
**li hu kien jikseb minn din l-ikla tal-Mulej.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**



9 ta’ Awwissu

# Santa Tereża Benedetta tas-Salib

# Edith Stein

*Reliġjuża Martri*

**Festa**

Antifona tad-Dħul *Gal 6,14*

Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta’ Sidna Ġesù Kristu li bih id-dinja hi msallba għalija, u jiena għad-dinja.

*Tingħad il-Glorja ’l Alla.*

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla ta’ missirijietna,**
**Inti wassalt lill-Martri tiegħek**
**Santa Tereża Benedetta tas-Salib**
**għall-għarfien ta’ Ibnek imsallab**
**u għal xebħ sħiħ miegħu sal-mewt;**
**għat-talb tagħha wassal il-bnedmin kollha**
**għall-għarfien ta’ Kristu bħala Feddej,**
**ħalli bih jaslu għad-dehra tiegħu għal dejjem.**
**B’Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma’ l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta’ dejjem.**

Fuq l-Offerti

**Ilqa’ bit-tjieba u wettaq, Missier,**
**l-offerta li qed nagħmlulek, fil-festa tal-Martri tiegħek,**
**Santa Tereża Benedetta tas-Salib,**
**Int li biddilt il-ħafna sagrifiċċji tal-Patt il-Qadim**
**fis-sagrifiċċju wieħed u perfett li offrielek b’demmu,**
**Ibnek li jgħix u jsaltan għal dejjem ta’ dejjem.**

Antifona tat-Tqarbin Salm 22, 4-5

Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara għax Inti miegħi.

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.**
**O Alla ta' tjieba liema bħalha,**
**agħti lilna, li qed nagħtu ġieħ**
**lil Santa Tereża Benedetta,**
**li, l-frott imqaddes tas-siġra tas-Salib**
**iqawwilna qlubna, biex,**
**f'dil-ħajja nintrabtu b'fedeltà sħiħa ma' Kristu**
**u hekk ikun jistħoqqilna**
**nieklu mis-siġra tal-ħajja fil-Ġenna.**
**Bi Kristu Sidna.**



14 ta' Awwissu

# San Massimiljanu Marija Kolbe

*Presbiteru Reliġjuż Martri*

**Tifkira (O)**

Antifona tad-Dħul Mt 25, 34-40

Il-Mulej jgħid: Ejjew, imberkin minn Missieri. Tassew, ngħidilkom, kemm għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar minn ħuti, għamiltuh miegħi.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla,**
**Inti mlejt bil-ħeġġa għall-erwieħ**
**u bl-imħabba għall-proxxmu**
**lil San Massimiljanu Marija Kolbe,**
**qassis u martri**
**u devot kbir tal-Verġni bla tebgħa Marija;**
**agħtina, fil-ħniena tiegħek u għat-talb tiegħu,**
**li naħdmu bla heda għall-glorja tiegħek**
**u naqdu lil ħutna l-bnedmin,**
**biex, imqar sal-mewt,**
**insiru nixbħu**
**lil Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Fuq l-Offerti

**Noffrulek, Mulej, id-doni tagħna**
**u, fiċ-ċokon tagħna, nitolbuk biex,**
**fuq l-eżempju ta' San Massimiljanu Marija Kolbe,**
**nitgħallmu noffrulek il-ħajja tagħna.**
**Bi Kristu Sidna.**

Antifona tat-Tqarbin Ġw 15,13

Il-Mulej jgħid: Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.

Wara t-Tqarbin **Nitolbu.**

**Issa li tqarbinna, Mulej,**
**bil-Ġisem u d-Demm tiegħek,**
**agħmel li nitkebbsu**
**b'dak in-nar ta' mħabba li,**
**minn din il-mejda qaddisa tiegħek,**
**ħeġġeġ lil San Massimiljanu Marija Kolbe.**
**Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem.**



9 ta' Settembru

# San Pietru Claver

*Presbiteru*

**Tifkira**

Mill-komun tar-Rgħajja ta' l-Erwieħ, jew tal-Qaddisin irġiel li għamlu opri ta' ħniena.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla,**
**int għamilt lil San Pietru Claver qaddej ta' l-ilsiera,**
**u saħħaħtu b'imħabba u sabar tal-għaġeb**
**biex jagħtihom l-għajnuna:**
**għat-talb tiegħu agħtina li,**
**aħna u nfittxu dak li hu ta' Ġesù Kristu,**
**inħobbu l-proxxmu tagħna bl-għemil u l-verità.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**



20 ta' Settembru

# San Andrija Kim Taegon

*Qassis*

# San Pawl Chong Hasang

*Katekist*

# u Sħabhom

*Martri*

**Tifkira (O)**

Antifona tad-Dħul

Nifirħu lkoll fil-Mulej aħna u niċċelebraw jum il-festa f'ġieħ il-Qaddisin Martri tal-Korea: b'din il-festa jifirħu l-anġli u jfaħħru 'l Iben ta' Alla

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla,**
**inti ħlaqt il-bnedmin kollha**
**u tajthom il-fidwa:**
**b'mod ta' l-għaġeb sejjaħt għall-fidi kattolika**
**lill-poplu li għażilt għalik fil-Korea**
**u wassalt lill-Qaddisin Martri**
**Andrija, Pawlu u sħabhom**
**għall-istqarrija glorjuża tal-fidi;**
**agħtina li, bl-eżempju u t-talb tagħhom**
**aħna wkoll iseħħilna nibqgħu sħaħ sal-mewt**
**fil-ħarsien tal-kmandamenti tiegħek.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Fuq l-Offerti

**O Alla li tista' kollox,**
**ħares bi ħniena lejn l-offerta tal-poplu tiegħek,**
**u, bl-interċessjoni tal-Qaddisin Martri tal-Korea,**
**agħtina li aħna stess inkunu sagrifiċċju li jogħġob lilek**
**għall-fidwa tad-dinja kollha.**
**Bi Kristu Sidna.**

Antifona tat-Tqarbin Mt 10,32

Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jiena wkoll nistqarr li hu miegħi quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.**
**Issa li ħadna l-ikel tal-qalbiena,**
**aħna u niċċelebraw it-tifkira**
**tal-Qaddisin Martri tal-Korea,**
**fiċ-ċokon tagħna nitolbuk, Missier,**
**biex, f'rabta sħiħa ma' Kristu,**
**inħabirku fil-Knisja għall-fidwa ta' kulħadd.**
**Bi Kristu Sidna.**



23 ta' Settembru

# San Piju minn Pietralcina

*Qassis Reliġjuż*

**Tifkira (O)**

Antifona tad-Dħul — Ġer 3,15

Nagħtikom rgħajja skond il-qalb tiegħi, u jirgħukom bid-dehen u bil-għaqal.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla ta' dejjem li tista' kollox,**
**bi grazzja waħdanija**
**Inti tajt lill-qassis San Piju minn Pietralcina**
**li jieħu sehem fis-salib ta' Ibnek,**
**u permezz tal-ministeru tiegħu**
**Inti ġeddidt l-għeġubijiet tal-ħniena tiegħek;**
**agħti lilna, għat-talb tiegħu,**
**li nkunu l-ħin kollu magħqudin mal-passjoni ta' Kristu,**
**biex naslu bil-ferħ fil-glorja tal-qawmien mill-imwiet.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Fuq l-Offerti

**O Alla li tista' kollox,**
**Ilqa' l-offerta li qegħdin nagħmlu lill-kobor tiegħek**
**fit-tifkira tal-qassis San Piju;**
**fiċ-ċokon tagħna nitolbuk biex din l-offerta,**
**li hija xhieda tal-glorja u s-setgħa tiegħek,**
**tagħtina l-frott tal-fidwa.**
**Bi Kristu Sidna.**

Antifona tat-Tqarbin Mt 20,28

Bin il-bniedem ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi, u jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra.

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.**
**Bis-saħħa ta' din it-tqarbina mqaddsa,**
**agħmel, o Alla li tista' kollox,**
**li nimxu dejjem fuq l-eżempji ta' San Piju ta' Pietralcina, biex bla heda nagħtuk ġieħ minn qalbna**
**u ma ngħejjew qatt naħdmu bl-imħabba**
**għall-ġid ta' kulħadd.**
**Bi Kristu Sidna.**



28 ta' Settembru

# San Lawrenz Ruiz
# u Sħabu

*Martri*

**Tifkira**

Mill-komun tal-Martri, għal aktar minn Martri wieħed, barra żmien il-Għid.

Kolletta

**Nitolbu.**
**Agħtina, Mulej Alla tagħna,**
**dak is-sabar li wrew fil-qadi tiegħek u ta' ħuthom**
**il-Qaddisin Martri San Lawrenz Ruiz u Sħabu,**
**għaliex fis-saltna tiegħek huma henjin**
**dawk li jġarrbu persekuzzjoni minħabba l-ġustizzja.**
**B'Ibnek Ġesù Kristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**



24 ta' Novembru

# San Andrija Dung-Lac

*Qassis*

# u Sħabu

*Martri*

**Tifkira (O)**

Antifona tad-Dħul — Gal 6, 14a: I Kor 1,18

Ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu.
Il-predikazzjoni tas-Salib għalina, għal dawk li jsalvaw, hi l-qawwa ta' Alla.

Kolletta

**Nitolbu.**
**O Alla, għajn u bidu tas-setgħa**
**li għandu kull min hu misser;**
**Int żammejt sħaħ, sat-tixrid tad-demm,**
**fil-fedeltà lejn is-salib ta' Ibnek Ġesù,**
**lill-Qaddisin Martri Andrija u sħabu;**
**bit-talb tagħhom għalina,**
**agħmel li nissejħu u nkunu tassew uliedek,**
**aħna u nxandru l-imħabba tiegħek għal kulħadd.**
**B'Ibnek ĠesùKristu Sidna,**
**li miegħek jgħix u jsaltan flimkien**
**ma' l-Ispirtu s-Santu, - Alla -**
**għal dejjem ta' dejjem.**

Fuq l-offerti

**Ilqa', Misser Qaddis, id-doni li qegħdin noffrulek,**
**aħna u nagħtu ġieh lill-Qaddisin Martri tal-Vjetnam,**
**biex, fost it-tiġrib ta' ħajjitna fid-dinja,**
**nibqgħu dejjem fidili lejk**
**u noffru lilna nfusna bħala vittma li togħġbok.**
**Bi Kristu Sidna.**

Antifona tat-Tqarbin Mt 5,10

Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-smewwiet.

Wara t-Tqarbin

**Nitolbu.**
**Issa li tmajtna minn ħobża waħda**
**fit-tifkira tal-Qaddisin Martri tiegħek,**
**fiċ-ċokon tagħna nitolbuk, Missier,**
**biex nibqgħu dejjem magħqudin**
**flimkien f'imħabbtek**
**ħalli jkun jistħoqqilna l-premju**
**tas-sabar fil-ħajja ta' dejjem.**
**Bi Kristu Sidna.**